

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Raivo Teeäär huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 427, 26.11.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2020 – Bonnafous vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-646/18) ⁽¹⁾****(“Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Rapport ta’ verifika tar-riżorsi umani tal-EACEA – Rifjut ta’ aċċess – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta’ spezzjoni, ta’ investigazzjoni u ta’ verifika”)****(2020/C 175/20)****Lingwa tal-kawża: il-Franċiż****Partijiet**

Rikorrent: Laurence Bonnafous (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Blot u S. Rodrigues, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar u K. Herrmann, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 6753 finali, tad-9 ta' Ottubru 2018, li tirrifjuta li tilqa' t-talba ta' aċċess għar-rapport finali tal-awditu tal-2018 tar-riżorsi umani tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-“Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura” (EACEA), tal-21 ta' Jannar 2018, imressqa mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Laurence Bonnafous hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 25, 21.1.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2020 – Alcar Aktiebolag vs EUIPO – Alcar Holding (alcar.se)**(Kawża T-77/19) ⁽¹⁾****(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea alcar.se – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea ALCAR – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)****(2020/C 175/21)****Lingwa tal-kawża: l-Ingliż****Partijiet**

Rikorrenti: Alcar Aktiebolag (Bromma, l-Isvezja) (rappreżentant: M. Ateva, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Alcar Holding GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: C. Onken, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Novembru 2018 (Każ R 378/2018-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Alcar Holding u Alcar Aktiebolag.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alcar Aktiebolag hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 131, 8.4.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Marzu 2020 – Gwo Chyang Biotech vs EUIPO – Norma (KinGirls)

(Kawża T-85/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea KinGirls – Trade mark verbali Ġermaniża preċedenti King – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 175/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Gwo Chyang Biotech Co. Ltd (Tainan City, it-Tajwan) (rappreżentant: J. Kakoures, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Schramek, A. Söder u D. Hanf, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Norma Lebensmittelfilialbetrieb Stiftung & Co. KG (Nuremberg, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Diċembru 2018 (Każ R 718/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Norma Lebensmittelfilialbetrieb Stiftung & Co. u Gwo Chyang Biotech.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.